IL-FGURA

**MINUTI**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

# Laqgħa Nru. 50/2016

Data: It-Tnejn 17 t' Ottubru, 2016

Ħin: 18:00 hrs

Post: 68, 'Dar il-Kunsill', Triq il-Karmnu, Il-Fgura

Preżenti: Dr. Byron Camilleri – Sindku
Sur Pierre Dalli – Viċi Sindku
Sur Ray Deguara – Kunsillier
Sur Mark Lombardo – Kunsillier
Sur Saviour Camilleri -Kunsillier
Sur Ryan Ellul – Kunsillier
Sur Jesmond Zammit - Kunsillier

Sra Beverly Saliba - Segretarju Eżekuttiv

Skużati: Sur Charles Bonello – Kunsillier

Assenti: Sur Rene' Zammit - Kunsillier

**AĠENDA**

## 1. Servizz Peritali

1.1 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4383/16/7 "CM-ARCH-17-16" Dan il-Kunsill jinnota l-emails fejn il-Kunsill talab lill-Perit James Mifsud jiprovdi x-xogħol meħtieġ minnu fir-rigward taċ-Ċentru Ċiviku fil-5 ta' Lulju 2016, fejn anke ġew provduti lilu d-dokumenti kollha, u ingħata kważi tlett xhur sabiex jiprovdi dan ix-xogħol. Jinnota illi anke ntbagħat reminder fit-8 t'Awwissu, 2016. Dan il-Kunsill jinnota li fl-ebda stadju, inkluż meta rċieva l-ordni, il-Perit James Mifsud ma kkomunikax mal-Kunsill fejn jinfurmah illi ma kienx possibli illi jipprepara x-xogħol mitlub minn fi żmien tlett xhur. Dan il-Kunsill jinnota illi matul dawn it-tlett xhur il-Perit qatt ma talab laqgħat mal-uffiċjali tal-Kunsill dwar dan il-proġett jew inkella provda designs għall-approvazzjoni tal-Kunsill, li minnhom kien ikun meħtieġ li jiġu preparati l-bills of quantities. Dan il-Kunsill jinnota li kien wara aktar minn tlett xhur illi l-Perit bgħat email lis-Sindku, sabiex jitlob laqgħa sabiex jiddiskuti l-interiors. Dan il-Kunsill jifhem illi l-qbil dwar l-interiors u d-design huma biss l-ewwel stadji tax-xogħol mitlub mill-Kunsill. Dan il-Kunsill jinnota dewmien mhux ġustifikat minn-naħa *Perit James Mifsud*

tal-Perit sabiex jiprovdi s-servizz mitlub minnu. Għaldaqstant, dan il-Kunsill jiddeċiedi li jinnotifika lill-Perit James Mifsud, b'default notice 17/10/2016 (ara 'DOK A' anness).

Din kienet ssekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot.

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur S Camilleri
Sur R Ellul, Sur M Lombardo, u Sur J Zerafa.

Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet: Ħadd.

Il-mozzjoni ref: 4383/16/7 Il-mozzjoni ref: 4383/16/7 ġiet approvata unanimament.

1.2 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4384/16/7 "CM-ARCH-17-16" Dan il-Kunsill jinnota l-emails annessi fejn il-Kunsill talab lill-Perit James Mifsud jiprovdi x-xogħol meħtieġ minnu fir-rigward tal-proġett sportiv fi Triq Valperga. Dan il-Kunsill jinnota li ntbagħtet l-ewwel ordni fil-5 ta' Lulju 2016, email oħra fit-8 t'Awwissu 2016, u email oħra fis-27 ta' Settembru, 2016. Dan il-Kunsill jinnota illi l-ebda email minn dawn ma ġiet imwieġba, wara aktar minn tlett xhur minn l-ewwel email. Dan il-Kunsill huwa tal-fehma illi dan l-aġir, fejn il-Perit Mifsud injora kontinwament l-emails lilu mibgħuta, u naqas illi jipprovdi tweġiba, huwa nuqqas ta' rispett lejn il-Kunsill u l-uffiċjali tiegħu. Għaldaqstant, dan il-Kunsill jiddeċiedi li jinnotifika lill-Perit James Mifsud, b'default notice - 17/10/2016 (ara 'DOK B' anness).

*Proġett Sportiv fi Triq Valperga*

Din kienet ssekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot.

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur S Camilleri
Sur R Ellul, Sur M Lombardo, u Sur J Zerafa.

Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet Ħadd.

Il-mozzjoni ref: 4384/16/7 approvata ġiet approvata unanimament.

1.3 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4385/16/7 "CM-ARCH-17-16" Dan il-Kunsill jagħmel referenza għal mozzjoni bir-referenza numru 4383/16/7, mozzjoni bir-referenza numru 4384/16/7, u mozzjoni bir-referenza numru 4385/16/7. Dan il-Kunsill jinnota illi l-Perit James Mifsud qiegħed jonqos milli jipprovdi s-servizzi mitluba mill-Kunsill, fejn naqas illi jipprovdi x-xogħol minnu mitlub, u dan minkejja d-diversi talbiet tal-Kunsill li ġew injorati mill-istess Perit. Dan il-Kunsill huwa tal-fehma illi l-Perit James Mifsud qed jonqos mill-

*Emails mibgħuta lil-Perit Mifsud*

obbligazzjonijiet tiegħu skont il-kuntratt su riferit. Għaldaqstant, dan il-Kunsill jiddeċiedi li jittermina l-kuntratt mal-Perit James Mifsud, u jinnotifika din id-deċiżjoni lill-Perit James Mifsud - 17/10/2016 (ara 'DOK C' anness).

Din kienet ssekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot.

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur S Camilleri
Sur R Ellul, Sur M Lombardo, u Sur J Zerafa.

Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet: Ħadd.

Il-mozzjoni ref: 4385/16/7 approvata ġiet approvata unanimament.

*Sevizzi mitluba mill-Kunsill mingħand il-Perit*

1.4 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4386/16/7 "CM-ARCH-17-16" Dan il-Kunsill jagħmel referenza għal mozzjoni bir-referenza numru 4383/16/7, mozzjoni bir-referenza numru 4384/16/7, u mozzjoni bir-referenza numru 4385/16/7. Dan il-Kunsill jinnota illi l-Perit James Mifsud qiegħed jonqos milli jipprovdi s-servizzi mitluba mill-Kunsill, fejn naqas illi jipprovdi x-xogħol minnu mitlub, u dan minkejja d-diversi talbiet tal-Kunsill li ġew injorati mill-istess Perit. Dan il-Kunsill huwa tal-fehma illi l-Perit James Mifsud qed jonqos mill-obbligazzjonijiet tiegħu skont il-kuntratt su riferit. Għaldaqstant, dan il-Kunsill jiddeċiedi li jittermina l-kuntratt mal-Perit James Mifsud, u jinnotifika din id-deċiżjoni lill-Perit James Mifsud - 17/10/2016. (ara 'DOK D' anness).

Din kienet ssekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot.

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur S Camilleri
Sur R Ellul, Sur M Lombardo, u Sur J Zerafa.

Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet: Ħadd.

Il-mozzjoni ref: 4386/16/7 approvata ġiet approvata unanimament.

*Terminazzjoni tal-kuntratt ta'l-Perit James Mifsud*

1.5 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4387/16/7 "CM-ARCH-17-16"Fid-dawl tad-deċiżjoni ta' dan il-Kunsill li jittermina CM-ARCH-17-16, dan il-Kunsill jiddeċiedi li joħroġ tender ġdid għal dan is-servizz. Dan il-Kunsill jifhem illi Kunsill ma jistax jopera mingħajr servizz ta' Perit, u għaldaqstant jiddeċiedi li sakemm jiġi ffirmat kuntratt ġdid, jopera b'servizz ta' Perit b'direct orders u/jew quotations hekk kif tistipula l-liġi - 17/10/2016.

Din kienet ssekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot.

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur S Camilleri
Sur R Ellul, Sur M Lombardo, u Sur J Zerafa.

Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet: Ħadd.

Il-mozzjoni ref: 4387/16/7 approvata ġiet approvata unanimament.

Il-laqgħa ntemmet fis-18:07 hrs.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

*Dr Byron Camilleri*
*Sindku*

*Sra Beverly Saliba*
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: 17 ta' Ottubru*, 2016*